# QALB TA' OMM

Kull meta l-aħbar tasalli
Ta' xi avventura ġdida
Stallett qalbi jinfidli
Għax għalija dak ifisser
Li ser jerġa' jitbegħidli
L-iben maħbub tiegħi.

Omm Alla, Omm tal-Ħniena
Erġa' wasslu għandi.
Min jaf f'liema perikli
Ser jerġa' jissogra ħajtu.
Inti Omm l-aktar għażiża
Li bħali tħobb u tħoss
Li tagħder u taf taħfer.
Int Tarka ta' l-Insara
Ħarsu minn kull ħsara
Tal-ġisem u tar-ruħ.

Għad jerġa' jiġi żmien
Met'ibni, qalb ta' qalbi,
Fi ħdani jsib mistrieħ.
Ma' qalbi iftaħ qalbek
U ħalli lili rgħassisha
Biex ħadd ma jersaq lejha
U jerġa' jweġġagħhielek
Dik qalbek inħarisha
Mill-għadu ta' kull xorta
U jekk taqtigħha tiswieli
Kiefra u ħarxa sewwa
F'qalbi tkun biss tnisslet
Tal-għasel Malti l-ħlewwa.

10.3.76

GODFREY ZARB ADAMI